REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/897

tal-4 ta' Marzu 2021

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format tar-rapportar superviżorju lill-awtoritajiet kompetenti u l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) ([1]), u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 40(9), u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 66(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/1238 jistabbilixxi regoli uniformi dwar ir-reġistrazzjoni, il-manifattura, id-distribuzzjoni u s-superviżjoni ta' prodotti tal-pensjoni personali li jitqassmu fl-Unjoni taħt id-denominazzjoni ta' prodotti tal-pensjoni personali pan-Ewropej (PEPP).

(2) Livell xieraq ta' dettall tal-informazzjoni huwa kruċjali għall-implimentazzjoni ta' proċess ta' rieżami superviżorju bbażat fuq ir-riskju u superviżjoni fil-livell tal-prodott. Il-mudelli għar-rappurtar ta' informazzjoni skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2021/896 ([2]) jenħtieġ li jipprovdu rappreżentazzjoni viżwali ta' dik l-informazzjoni u jirriflettu l-livell ta' dettall ta' dik l-informazzjoni.

(3) Sabiex tiġi promossa l-konverġenza superviżorja, l-informazzjoni li trid tiġi rrapportata lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2019/1238 jenħtieġ li tiġi ppreżentata permezz ta' mudelli.

(4) Il-qafas għall-kooperazzjoni u għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u ospitanti, mal-EIOPA, jenħtieġ li jiffaċilita l-effiċjenza tat-twettiq tal-kompiti u d-dmirijiet rispettivi tagħhom, u jiżgura superviżjoni konsistenti u effiċjenti. B'mod partikolari, jeħtieġ li jiġu speċifikati l-metodi, il-mezzi, u dettalji oħra tal-iskambju ta' informazzjoni, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni u t-trattament ta' informazzjoni li trid tiġi skambjata.

(5) Sabiex tiġi żgurata superviżjoni effettiva u effiċjenti, l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jqisu n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-prodott, id-disponibbiltà u t-tip ta' informazzjoni u l-aktar *data* reċenti u rilevanti. Sabiex jiġu żgurati kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni effiċjenti u f'waqthom, jeħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri u mudelli standardizzati.

(6) L-awtoritajiet kompetenti u l-EIOPA jenħtieġ li jużaw il-proċeduri u l-mudelli standardizzati wkoll meta jittrażmettu l-informazzjoni fuq bażi volontarja meta jqisu li l-informazzjoni fil-pussess tagħhom tista' tintuża għal awtorità kompetenti oħra jew għall-EIOPA, għall-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u għall-Awtorità Bankarja Ewropea.

(7) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw b'mod effettiv lill-fornituri u lid-distributuri tal-PEPP, jeħtieġ li dawn jiskambjaw regolarment informazzjoni dwar il-PEPPs ikkummerċjalizzati, bħad-dokumenti ta' informazzjoni ewlenin korrispondenti, informazzjoni dwar l-attivitajiet transfruntiera, u informazzjoni dwar sanzjonijiet u dwar l-ispeċifiċitajiet tal-kondotta rilevanti.

([1]) ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/896 tal-24 ta' Frar 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-konverġenza tar-rapportar superviżorju (Ara paġna 5 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(8) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni bla xkiel u f'waqtha tar-rekwiżiti tan-notifika fil-każ ta' sanzjonijiet amministrattivi u miżuri oħra, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jinnotifikaw lil xulxin u lill-EIOPA dwar kwalunkwe ksur jew ksur suspettat.

(9) Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament dwar ir-rapportar superviżorju u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u mal-EIOPA huma relatati mill-qrib. Dawn jindirizzaw ir-rekwiżiti dwar is-sottomissjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni rilevanti għas-superviżjoni tal-PEPP. Biex tiġi żgurata l-koerenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet, li jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, jeħtieġ li jiġu inklużi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni kollha meħtieġa mill-Artikoli 40(9) u 66(5) tar-Regolament (UE) 2019/1238 f'Regolament ta' Implimentazzjoni uniku.

(10) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni sottomess lill-Kummissjoni mill-EIOPA.

(11) L-EIOPA wettqet konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati fir-rigward tal-kapitoli dwar ir-rapportar superviżorju lill-awtoritajiet kompetenti, u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni u tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-Pensjonijiet tax-Xogħol stabbiliti skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Fir-rigward tal-kapitoli dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni, l-EIOPA ma analizzatx il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali, peress li dan kien ikun sproporzjonat fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt tal-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, meta jitqies li d-destinatarji tagħhom huma biss l-awtoritajiet kompetenti u l-EIOPA u mhux il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

RAPPURTAR SUPERVIŻORJU KWANTITATTIV

Artikolu 1

Il-formati tar-rapportar superviżorju

Il-fornituri tal-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) għandhom jissottomettu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 40(1) sa (5) tar-Regolament (UE) 2019/1238 skont l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-punti tad-*data* bit-tip ta' *data* "monetarja" għandhom jiġu espressi f'unitajiet mingħajr deċimali bl-eċċezzjoni tal-mudelli PP.06.02 u PP.08.03 kif stipulat fl-Annessi I u II li għandhom jiġu espressi f'unitajiet b'żewġ ċifri deċimali;

(b) punti ta' *data* bit-tip ta' *data* "perċentwali" għandhom jiġu espressi bħala unità b'erba' ċifri deċimali;

(c) punti ta' *data* bit-tip ta' *data* "integer" għandhom jiġu espressi f'unitajiet mingħajr ċifri deċimali;

(d) il-punti tad-*data* għandhom jiġu espressi bħala valuri pożittivi ħlief fil-każijiet li ġejjin:

(i) il-punti tad-*data* huma ta' natura opposta mill-ammont naturali tal-oġġett;

(ii) in-natura tal-punt tad-*data* tippermetti li jiġu rrapportati valuri pożittivi u negattivi;

(iii) huwa meħtieġ format ta' rapportar differenti mill-istruzzjonijiet rispettivi stabbiliti fl-Annessi V sa XIV ta' dan ir-Regolament.

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

Artikolu 2

Munita tar-rapportar

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament "munita tar-rapportar" għandha tkun il-munita li tintuża għat-tħejjija tar-rapporti finanzjarji tal-fornitur tal-PEPP, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mill-awtorità kompetenti.

2. Il-punti u l-figuri tad-*data* bit-tip "monetarju" għandhom jiġu rrapportati fil-munita tar-rapportar, li jirrikjedi l-konverżjoni ta' kwalunkwe munita oħra fil-munita tar-rapportar, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament.

3. Meta jiġi espress il-valur ta' kwalunkwe assi jew obbligazzjoni denominata f'munita li mhijiex il-munita tar-rapportar, il-valur għandu jiġi kkonvertit fil-munita tar-rapportar bħallikieku l-konverżjoni kienet seħħet bir-rata tal-għeluq fl-aħħar jum li għalih ir-rata xierqa tkun disponibbli fil-perjodu tar-rapportar li miegħu jkunu relatati l-assi jew l-obbligazzjoni.

4. Meta jiġi espress il-valur ta' kwalunkwe introjtu jew spiża, il-valur għandu jiġi kkonvertit fil-munita tar-rapportar bl-applikazzjoni tal-bażi tal-konverżjoni li tintuża għal finijiet ta' kontabilità.

5. Il-konverżjoni fil-munita tar-rapportar għandha tiġi kkalkolata billi tiġi applikata r-rata tal-kambju mill-istess sors li jintuża għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-fornitur tal-PEPP, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 3

Mudelli għar-rapportar kwantitattiv annwali

Il-forniturі tal-PEPP għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat (UE) 2021/896 billi jużaw il-mudelli li ġejjin:

(a) il-mudell PP.01.01 tal-Anness I, li jispeċifika l-kontenut tas-sottomissjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima PP.01.01 tal-Anness II;

(b) il-mudell PP.01.02. tal-Anness I, li jispeċifika informazzjoni bażika dwar il-PEPP u tar-rapportar, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima PP.01.02 tal-Anness II;

(c) il-mudell PP.52.01. tal-Anness I, li jispeċifika l-informazzjoni dwar il-PEPP u dwar il-faddal tal-PEPP, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima PP.52.01 tal-Anness II;

(d) il-mudell PP.06.02. tal-Anness I, li jispeċifika lista ta' assi entrata b'entrata skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima PP.06.02 tal-Anness II u permezz tal-kodiċi ta' identifikazzjoni komplementari (CIC) kif stabbilit fl-Anness III u definit fl-Anness IV;

(e) il-mudell PP.06.03. tal-Anness I, li jipprovdi informazzjoni dwar il-look-through tal-investimenti kollettivi kollha miżmuma mill-fornitur tal-PEPP skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima PP.06.03 tal-Anness II;

(f) il-mudell PP.08.03. tal-Anness I, li jipprovdi informazzjoni aggregata dwar pożizzjonijiet miftuħa tad-derivattivi, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima PP.08.03 tal-Anness II u permezz tas-CIC kif stabbilit fl-Anness III u definit fl-Anness IV.

Artikolu 4

L-adegwatezza tal-informazzjoni sottomessa

Għall-finijiet tal-Artikolu 40(6) tar-Regolament (UE) 2019/1238, il-forniturі tal-PEPP għandhom jużaw il-mudelli rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament biex jiżguraw l-adegwatezza kontinwa tal-informazzjoni sottomessa.

KAPITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI DWAR IL-KOOPERAZZJONI U L-ISKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

Artikolu 5

Prinċipji ġenerali

L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-xogħol (EIOPA) għandha tiffaċilita l-iskambju regolari ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju u dawk ospitanti u għandha, jekk l-informazzjoni tkun rilevanti għad-dmirijiet tal-EIOPA, tinżamm infurmata dwar kwalunkwe skambju bilaterali ta' informazzjoni.

Artikolu 6

Punti uniċi ta' kuntatt

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu d-dettalji tal-punti uniċi ta' kuntatt lill-EIOPA u għandhom jinfurmaw lill-EIOPA dwar kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji. L-EIOPA għandha żżomm lista aġġornata tal-punti uniċi ta' kuntatt u għandha tagħmel il-lista disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 7

Mezzi ta' skambju ta' informazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti u l-EIOPA għandhom jittrażmettu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni relatati mal-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni msemmija fil-Kapitolu I b'mod sikur permezz ta' mezzi elettroniċi. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu l-konferma elettronika wara li jirċievu dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni.

Artikolu 8

Munita

L-awtoritajiet kompetenti u l-EIOPA għandhom jesprimu ammonti f'euro fi skambji ta' informazzjoni bejniethom. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaqblu li jużaw munita oħra għal skambji bilaterali ta' informazzjoni.

KAPITOLU III

KOOPERAZZJONI U SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI FIL-PROĊESS TAR-REĠISTRAZZJONI U TAT-TNE~~ĦĦ~~IJA TAR-REĠISTRAZZJONI

Artikolu 9

Reġistrazzjoni ta' PEPP

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw lill-EIOPA l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2)(a), (b), (d), (f) u (g) tar-Regolament (UE) 2019/1238 permezz tal-mudell stabbilit fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw lill-EIOPA kwalunkwe modifika fl-informazzjoni u d-dokumenti pprovduti fl-applikazzjoni billi jimlew biss dawk il-partijiet tal-mudell stabbilit fl-Anness V li huma affettwati mill-modifiki.

3. L-EIOPA għandha tinforma minnufih lill-awtoritajiet kompetenti jekk il-modifiki jaffettwaw l-attivitajiet tal-fornitur tal-PEPP fl-Istati Membri rispettivi, permezz tal-mudelli stabbiliti fl-Anness VI jew l-Anness VIII.

4. Wara li l-prodott ikun ġie rreġistrat fir-reġistru pubbliku ċentrali, l-EIOPA għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti dwar dan permezz tal-mudell stabbilit fl-Anness VI.

Artikolu 10

Ftuħ ta' subkont ġdid

1. Fil-każ tal-ftuħ ta' subkont ġdid, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u lill-EIOPA permezz tal-mudell stabbilit fl-Anness IX.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tirrikonoxxi li rċeviet l-informazzjoni u d-dokumenti permezz tal-mudell stabbilit fl-Anness X. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika kwalunkwe modifika fis-subkont lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u l-EIOPA, billi tikkompila biss dawk il-partijiet tal-mudell stabbilit fl-Anness IX li huma affettwati mill-modifiki.

Artikolu 11

Informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali

Permezz tal-mudell stabbilit fl-Anness XIV ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-EIOPA b'link għal dan kollu li ġej:

(a) it-test tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jirregolaw il-kundizzjonijiet relatati mal-fażi ta' akkumulazzjoni msemmija fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 2019/1238;

(b) il-kundizzjonijiet relatati mal-fażi ta' dekumulazzjoni msemmija fl-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) 2019/1238;

(c) fejn ikun applikabbli, informazzjoni dwar proċeduri addizzjonali biex jiġu applikati vantaġġi u inċentivi stabbiliti fil-livell nazzjonali.

Artikolu 12

Tneħħija tar-reġistrazzjoni ta' PEPP

1. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-EIOPA bid-deċiżjoni tagħha għat-tneħħija tar-reġistrazzjoni ta' PEPP permezz tal-mudell stabbilit fl-Anness VII.

2. L-EIOPA għandha tneħħi r-reġistrazzjoni tal-PEPP mir-reġistru pubbliku ċentrali tagħha u għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti kif xieraq permezz tal-mudell stabbilit fl-Anness VIII.

KAPITOLU IV

KOOPERAZZJONI KONTINWA U SKAMBJU REGOLARI TA' INFORMAZZJONI

Artikolu 13

Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u mal-EIOPA

1. Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u mal-EIOPA għandha tkopri tal-anqas l-oqsma li ġejjin:

(a) is-superviżjoni;

(b) l-ispezzjonijiet u l-investigazzjonijiet;

(c) l-identifikazzjoni u r-rimedju tal-ksur tar-Regolament (UE) 2019/1238;

(d) l-informazzjoni dwar l-ilmenti;

(e) l-azzjonijiet superviżorji ppjanati kontra l-fornitur jew id-distributur tal-PEPP fejn ikun rilevanti għall-prodott tal-PEPP;

(f) l-azzjonijiet superviżorji ppjanati biex jitnaqqas id-detriment tal-faddala tal-PEPP inkluż l-eżerċitar intenzjonat tas-setgħat ta' intervent tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2019/1238.

2. L-EIOPA għandha tipprovdi kull sena lill-awtorità kompetenti kkonċernata tal-Istat Membri ospitanti l-informazzjoni superviżorja relatata mal-PEPP provduta f'dak l-Istat Membru, kif previst fl-Artikolu 14.

3. Fuq talba mressqa skont l-Artikolu 16, l-awtoritajiet kompetenti u l-EIOPA għandhom jiskambjaw, sa fejn ikun disponibbli għalihom, kwalunkwe informazzjoni relatata mal-PEPP, li tkun rilevanti għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom u li ma tkunx prevista fl-Artikolu 15.

4. Fejn ikun xieraq, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti dwar kwalunkwe sejba mill-proċessi ta' rieżami superviżorju tagħha, li tkun relatata ma' riskji li jirriżultaw mill-bejgħ jew is-subkontijiet transfruntiera tal-PEPP jew li jaffetwawhom. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tipprovdi dik l-informazzjoni f'każijiet fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tkun diġà qajmet thassib.

5. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju jekk ikollha raġunijiet biex tikkunsidra li l-attivitajiet ta' fornitur tal-PEPP jistgħu jaffettwaw is-sodezza finanzjarja ta' dak il-fornitur tal-PEPP jew il-protezzjoni tal-konsumaturi fi Stati Membri oħra.

6. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tikkoopera mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti biex tivvaluta jekk il-fornitur tal-PEPP ikollux fehim ċar tas-suq fil-mira u r-riskji li l-prodotti jiffaċċjaw jew jistgħu jiffaċċjaw fl-Istat Membru ospitanti, u liema għodod speċifiċi tal-ġestjoni tar-riskju u kontrolli interni relatati huma fis-seħħ, filwaqt li jitqiesu l-prinċipju tal-proporzjonalità u l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

7. Il-kooperazzjoni għandha tiffoka b'mod partikolari fuq l-oqsma ta' riskju li ġejjin:

(a) il-profil tal-faddala tal-PEPP;

(b) is-sħubiji lokali tal-PEPP u s-sħab tad-distribuzzjoni;

(c) l-indirizzar tal-ilmenti;

(d) il-konformità;

(e) il-protezzjoni tal-konsumatur u kwalunkwe aspett ieħor relatat mal-imġiba tal-fornitur tal-PEPP u d-distributur tal-PEPP, inkluż ir-rekwiżiti tas-sorveljanza tal-prodott u tal-governanza.

Artikolu 14

Skambju ta' informazzjoni regolari

1. L-EIOPA għandha toħroġ u tikseb l-informazzjoni li ġejja dwar kull PEPP ipprovdut fi Stat Membru ospitanti:

(a) in-numru ta' faddala tal-PEPP fl-Istat Membru kkonċernat;

(b) L-Istati Membri li għalihom il-fornitur tal-PEPP joffri subkontijiet;

(c) in-numru ta' talbiet għall-bdil u t-trasferimenti attwali jekk subkont speċifiku ma jkunx offrut fl-Istat Membru kkonċernat;

(d) informazzjoni dwar kull PEPP ipprovdut fl-Istat Membru kkonċernat, soġġetta għad-disponibbiltà, kif irrappurtat fi:

(i) il-mudell PP.01.02. tal-Anness I, li jispeċifika informazzjoni bażika dwar il-PEPP u tar-rapportar, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima PP.01.02 tal-Anness II;

(ii) il-mudell PP.52.01. tal-Anness I, li jispeċifika l-informazzjoni dwar il-PEPP u dwar il-faddal tal-PEPP, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima PP.52.01 tal-Anness II;

(iii) il-mudell PP.06.02. tal-Anness I, li jispeċifika lista ta' assi entrata b'entrata skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima PP.06.02 tal-Anness II u permezz tas-CIC kif stabbilit fl-Anness III u definit fl-Anness IV;

(iv) il-mudell PP.06.03. tal-Anness I, li jipprovdi informazzjoni dwar il-look-through tal-investimenti kollettivi kollha miżmuma mill-forniturі tal-PEPP skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima PP.06.03 tal-Anness II;

(v) il-mudell PP.08.03. tal-Anness I, li jipprovdi informazzjoni aggregata dwar pożizzjonijiet miftuħa tad-derivattivi, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima PP.08.03 tal-Anness II u permezz tas-CIC kif stabbilit fl-Anness III u ddefinit fl-Anness IV.

L-EIOPA għandha tagħmel disponibbli l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għal kull PEPP lil kull awtorità kompetenti ospitanti kkonċernata fuq bażi annwali.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jipprekludi lill-awtoritajiet kompetenti milli jiskambjaw *data* aktar granulari fuq bażi aktar regolari jew fuq talba.

KAPITOLU V

KOOPERAZZJONI *AD HOC* U SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

Artikolu 15

Sottomissjoni ta' talba għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni

1. Awtorità kompetenti għandha tissottometti t-talba lill-awtorità kompetenti li tkun irċeviet it-talba permezz tal-mudell stabbilit fl-Anness XI. L-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba tista' tehmeż mat-talba kwalunkwe materjal ta' sostenn li tqis rilevanti. F'każ li t-talba għal informazzjoni tkun rilevanti għad-dmirijiet tal-EIOPA, l-awtorità kompetenti rikjedenti għandha tibgħat it-talba wkoll lill-EIOPA.

2. L-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba għandha tispeċifika l-urġenza tat-talba. Meta t-talba għal kooperazzjoni tkun tinvolvi talba għal informazzjoni, l-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba għandha:

(a) tispeċifika, sa fejn ikun possibbli, id-dettalji tal-informazzjoni mitluba, inkluż ir-raġunijiet għaliex dik l-informazzjoni titqies rilevanti għat-twettiq tad-dmirijiet tagħha skont ir-Regolament (UE) 2019/1238;

(b) tidentifika, fejn ikun xieraq, kwalunkwe kwistjoni relatata mal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni mitluba, inkluża kull prekawzjoni speċjali għall-ġbir ta' dik l-informazzjoni.

3. Meta l-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba jkollha raġunijiet ġustifikati biex tikkategorizza t-talba tagħha bħala urġenti, tista' tagħmel it-talba b'mezzi oħra għajr dawk previsti fil-paragrafu 1, jekk it-talba tiġi sussegwentement trażmessa b'mezzi elettroniċi skont dak il-paragrafu, sakemm l-awtoritajiet kompetenti involuti ma jaqblux mod ieħor.

Artikolu 16

Tweġiba għal talba għal kooperazzjoni jew skambju ta' informazzjoni

1. L-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba għandha tipprovdi t-tweġiba tagħha lill-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba permezz tal-mudell stabbilit fl-Anness XII. Jekk it-tweġiba tkun rilevanti għad-dmirijiet tal-EIOPA, l-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba għandha tibgħat it-tweġiba wkoll lill-EIOPA. Fit-tweġiba tagħha, l-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba għandha:

(a) titlob kjarifika ulterjuri fi kwalunkwe forma kemm jista' jkun malajr fejn ikollha dubji fir-rigward tat-talba;

(b) tieħu passi raġonevoli fl-ambitu tas-setgħat tagħha biex tikkoopera jew tipprovdi l-informazzjoni mitluba;

(c) twettaq it-talba b'mod li jiffaċilita kwalunkwe azzjoni regolatorja meħtieġa li trid titwettaq fil-ħin, filwaqt li tqis il-kumplessità tat-talba u l-ħtieġa li tiġi involuta awtorità kompetenti oħra;

(d) tipprovdi kwalunkwe informazzjoni essenzjali addizzjonali fuq l-inizjattiva tagħha stess.

2. Meta minħabba l-kumplessità tat-talba jew l-ammont ta' informazzjoni mitluba l-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba ma tkunx tista' tissodisfa l-limitu ta' żmien stabbilit f'dik it-talba, hija għandha:

(a) tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba bir-raġunijiet li jiġġustifikaw dan id-dewmien u tipprovdi data stmata għal tweġiba;

(b) tipprovdi informazzjoni diġà disponibbli permezz tal-mudell stabbilit fl-Anness XII;

(c) tipprovdi kwalunkwe informazzjoni nieqsa hekk kif issir disponibbli b'mod li jiżgura li kwalunkwe azzjoni meħtieġa tkun tista' tittieħed malajr.

Artikolu 17

Kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni f'każ ta' ksur

1. Wara li ssir konxja minn kwalunkwe ksur jew ksur suspettat minn fornitur tal-PEPP jew distributur tal-PEPP jew tali ksur li jseħħ fl-eżerċitar tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew il-libertà ta' stabbiliment, l-awtorità kompetenti jew l-EIOPA, kif applikabbli, għandhom jinnotifikaw minnufih lill-awtorità kompetenti kkonċernata permezz tal-mudell stabbilit fl-Anness XIII. L-awtorità kompetenti li tinnotifika tista' tehmeż man-notifika kwalunkwe materjal ta' sostenn li tqis meħtieġ. Jekk il-ksur ikun rilevanti għad-dmirijiet tal-EIOPA, l-awtorità kompetenti li tinnotifika għandha tinnotifika wkoll minnufih lill-EIOPA permezz tal-mudell stabbilit fl-Anness XIII.

2. L-awtorità kompetenti li tinnotifika jew l-EIOPA, kif applikabbli, għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti notifikata bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex tivvaluta l-kwistjoni, b'mod partikolari, l-informazzjoni li ġejja:

(a) it-tip, in-natura, il-materjalità u t-tul ta' żmien tal-ksur jew il-ksur issuspettat;

(b) l-azzjonijiet issuġġeriti u l-pubblikazzjoni potenzjali, jekk applikabbli, ippjanata li ssir mill-awtorità kompetenti li tinnotifika;

(c) l-evidenza li fuqha bbażaw id-deċiżjoni tagħhom.

L-awtorità kompetenti notifikata u l-EIOPA, kif applikabbli, jistgħu jitolbu mill-awtorità kompetenti notifikanti kwalunkwe informazzjoni oħra li jqisu meħtieġa għall-valutazzjoni u l-azzjoni tagħhom.

3. Meta l-awtorità kompetenti li tinnotifika tqis li l-informazzjoni jkun jenħtieġ li tintbagħat b'mod urġenti, hija tista' inizjalment tinnotifika lill-awtorità kompetenti notifikata u lill-EIOPA, kif applikabbli, verbalment, sakemm l-informazzjoni tiġi sussegwentement trażmessa b'mezzi elettroniċi skont il-paragrafu 1, sakemm l-awtoritajiet kompetenti involuti ma jaqblux mod ieħor.

Artikolu 18

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

MUDELLI TAR-RAPPORTAR

PP.01.01.33

Kontenut tas-sottomissjoni

		C0010
Kodiċi tal Mudell - Isem il mudell		
PP.01.02.33 - Informazzjoni bażika -ġenerali	R0010	
PP.52.01.33 – Informazzjoni dwar il PEPP u l faddala tal PEPP	R0020	
PP.06.02.33 - Lista ta' assi	R0030	
PP.06.03.33 - Impriżi ta' investiment kollettiv - Appr oċċ - look through	R0040	
PP.08.03.33 – Informazzjoni aggregata dwar derivattivi miftuħa	R0050	

PP.01.02.33

Informazzjoni bażika – Ġenerali

		C0010
Isem il-PEPP	R0010	
Numru tar-reġistrazzjoni tal-PEPP	R0020	
Lingwa tar-rapportar	R0030	
Data tas-sottomissjoni tar-rapportar	R0040	
Tmiem tas-sena finanzjarja	R0050	
Data ta' referenza tar-rapportar	R0060	
Sottomissjoni regolari/*ad hoc*	R0070	
Munita użata għar-rapportar	R0090	
Il-prodott għadu qed jiġi kkummerċjalizzat?	R0260	
Tip ta' entità	R0270	
L-użu ta' ġabra komuni ta' assi għall-opzjonijiet kollha ta' investiment	R0280	

PP.52.01.33

Informazzjoni dwar il-PEPP u l-faddala tal-PEPP (1)

		Kostijiet				
		Kostijiet amministrattivi	Kostijiet tad-distribuzzjoni		Kostijiet tal-investiment	Kostijiet tal-garanziji kapitali, jekk applikabbli
				Kostijiet tal-konsulenza		
		C0020	C0040	C0050	C0060	C0100
PEPP bażiku	R0010					
Opzjonijiet alternattivi ta' investiment	R0040					

Informazzjoni dwar il-PEPP u l-faddala tal-PEPP (2)

Pajjiż	

		Numru ta' faddala tal-PEPP	Flussi finanzjarji u tal-faddal		…
			Kontribuzzjonijiet grossi totali riċevuti	Redditi grossi totali fuq l-investiment	
		C0150	C0160	C0170	
PEPP Bażiku	R0010				
Ikkummerċjalizzat fil-pajjiż	R0020				
F'run-off	R0030				
Opzjonijiet alternattivi ta' investiment	R0040				
Ikkummerċjalizzat fil-pajjiż	R0050				
F'run-off	R0060				

Flussi finanzjarji u tal-faddal							…
Pagamenti totali ta' benefiċċji	Pagamenti ta' benefiċċji relatati mal-irtirar	Pagamenti ta' benefiċċji relatati mal-Irtirar Imħallsa permezz ta' annwalitajiet	Pagamenti ta' benefiċċji relatati mal-Irtirar Imħallsa permezz ta' somma f'daqqa	Pagamenti ta' benefiċċji relatati mal-Irtirar Imħallsa permezz ta' pagamenti ta' prelevament	Pagamenti ta' benefiċċji mhux relatati mal-irtirar	Numru ta'Notifiki skont danL-Artikolu 20(1) riċevuti mill-faddala Tal-PEPP li BidluR-residenza tagħhom għal Stat Membru Ieħor	
C0190	C0200	C0210	C0220	C0230	C0240	C0250	

Flussi finanzjarji u tal-faddal						Assi	Obbligi
Numru ta' talbiet għall-ftuħ ta'Subkont F'konformità Mal-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2019/1238	Numru ta' subkontijiet miftuħa F'konformità mal-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2019/1238	Numru ta' talbietMingħand il-faddala tal-PEPP għal Bdil f'konformità Mal-Artikolu 20(5)(a) tar-Regolament (UE) 2019/1238	Trasferimenti attwali li saru F'konformità Mal-Artikolu 20(5)(a) tar-Regolament (UE) 2019/1238	Numru ta' talbiet Mingħand il-faddala tal-PEPP għall-bidla li saret F'konformità mal-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238	Trasferimenti attwali li saru F'konformità mal-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238		
C0260	C0270	C0280	C0290	C0300	C0310	C0320	C0330

Numru ta' lmenti
C0340

PP.06.02.33

LISTA TA' ASSI

INFORMAZZJONI DWAR POŻIZZJONIJIET MIŻMUMA

Kodiċi tal-ID tal-Assi u t-Tip tal-kodiċi	PEPP bażiku/ opzjonijiet alternattivi ta' investiment	Pajjiż tal-kustodja	Kustodju	Kwantità	…
C0011	C0010	C0040	C0050	C0060	

Ammont ugwali	Metodu ta' valutazzjoni	Valur tal-akkwiżizzjoni	Imgħax akkumulat	Valur tal-assi tas-suq
C0070	C0075	C0080	C0090	C0100

INFORMAZZJONI DWAR L-ASSI

Kodiċi tal-ID tal-Assi u t-Tip tal-kodiċi	Titolu tal-entrata	Isem l-emittent	Kodiċi tal-emittent u Tip tal-kodiċi tal-emittent	Settur tal-Emittent	…
C0011	C0130	C0140	C0150	C0170	

Grupp tal-emittent	Kodiċi tal-Grupp tal-Emittent u Tip ta' kodiċi tal-grupp tal-emittent	Pajjiż emittent	Munita	CIC	…
C0180	C0190	C0210	C0220	C0230	

Investiment alternattiv	Klassifikazzjoni esterna	ECAI nominata	Prezz ta' unità	Il-perċentwal ta' unità tal-prezz tal-ammont ugwali	Durata	Data ta' maturità
C0240	C0250	C0260	C0370	C0380	C0270	C0280

PP.06.03.33

IMPRIŻI TA' INVESTIMENT KOLLETTIV - APPROĊĊ LOOK-THROUGH

Investimenti kollettivi Kodiċi tal-ID tal-Impriża u Tip ta' kodiċi	Kategorija ta' assi sottostanti	Pajjiż tal-ħruġ	Munita	Ammont totali
C0010	C0030	C0040	C0050	C0060

PP.08.03.33

INFORMAZZJONI DWAR IL-POŻIZZJONIJIET MIŻMUMA - AMMONT NOZZJONALI

		Ammont nozzjonali		
		PEPP Bażiku	Investiment alternattiv	Assi PEPP
		C0010	C0030	C0050
Swaps tar-rati tal-imgħax (D1)	R0010			
Ftehim forward tar-rata tal-kambju (F2)	R0020			
Derivattivi oħrajn	R0030			

INFORMAZZJONI DWAR POŻIZZJONIJIET MIŻMUMA – VALUR

		Valur		
		PEPP Bażiku	Opzjonijiet alternattivi ta' investiment	Assi PEPP
		C0020	C0040	C0060
Swaps tar-rati tal-imgħax (D1)	R0010			
Ftehim forward tar-rata tal-kambju (F2)	R0020			
Derivattivi oħrajn	R0030			

ANNESS II

STRUZZJONIJIET DWAR IL-MUDELLI TAR-RAPPORTAR

Dan l-Anness jinkludi struzzjonijiet addizzjonali fir-rigward tal-mudelli stabbiliti fl-Anness I.

Mudelli li għandhom jimtlew skont l-istruzzjonijiet tat-taqsimiet differenti ta' dan l-Anness huma msemmija bħala "dan il-mudell" tul it-test ta' dan l-Anness.

PP.01.01.33- Kontenut tas-sottomissjoni

Kummenti ġenerali

Din it-taqsima hija relatata mas-sottomissjoni annwali tal-informazzjoni għall-Prodotti tal-Pensjoni Personali pan-Ewropej (PEPP).

Meta tkun meħtieġa ġustifikazzjoni speċjali, l-ispjegazzjoni ma għandhiex tiġi sottomessa fi ħdan il-mudell tar-rapportar iżda għandha tkun parti mid-djalogu bejn l-impriża li tipprovdi l-PEPP u l-awtoritajiet kompetenti.

ORDINAT TAT-TABELLA	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010/R0010	PP.01.02.33 - Informazzjoni Bażika - Ġenerali	Dan il-mudell għandu dejjem jiġi rrapportat. L-unika għażla possibbli hija: 1 - Irrapportati
C0010/R0020	PP.52.01.33 - Informazzjoni dwar il-PEPP u l-faddala tal-PEPP	Għandha tintuża waħda mill-opzjonijiet f'din il-lista magħluqa li ġejja: 1 - Irrapportati 0 - Mhux irrapportati raġuni oħra (f'dan il-każ hemm bżonn ta' ġustifikazzjoni speċjali)
C0010/R0030	PP.06.02.33 - Lista ta' assi	Għandha tintuża waħda mill-opzjonijiet f'din il-lista magħluqa li ġejja: 1 - Irrapportati 0 - Mhux irrapportati raġuni oħra (f'dan il-każ hemm bżonn ta' ġustifikazzjoni speċjali)
C0010/R0040	PP.06.03.33 - Impriżi ta' investiment kollettiv - approċċ look-through	Għandha tintuża waħda mill-opzjonijiet f'din il-lista magħluqa li ġejja: 1 - Irrapportati 2 - Mhux irrapportati peress li ma hemm l-ebda Impriża ta' investiment kollettiv 0 - Mhux irrapportati (f'dan il-każ hemm bżonn ta' ġustifikazzjoni speċjali)
C0010/R0050	PP.08.03.33- Informazzjoni aggregata dwar derivattivi miftuħa	Għandha tintuża waħda mill-opzjonijiet f'din il-lista magħluqa li ġejja: 1 - Irrapportati 2 - Mhux irrapportati peress li ma hemm l-ebda tranżazzjoni derivattiva 0 - Mhux irrapportati raġuni oħra (f'dan il-każ hemm bżonn ta' ġustifikazzjoni speċjali)

PP.01.02 - Informazzjoni bażika - Ġenerali

Kummenti ġenerali

Din it-taqsima hija relatata mas-sottomissjoni annwali tal-informazzjoni bażika dwar il-PEPP.

ORDINAT TAT-TABELLA	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010/R0010	Isem il-PEPP	Isem kummerċjali tal-PEPP (speċifiku għall-impriża).
C0010/R0020	Numru tar-reġistrazzjoni tal-PEPP	Numru ta' reġistrazzjoni għall-PEPP, li huwa attribwit mill-EIOPA.
C0010/R0030	Lingwa tar-rapportar	Identifika l-kodiċi b'żewġ ittri tal-kodiċi ISO 639-1 tal-lingwa użata fit-tressiq tal-informazzjoni.
C0010/R0040	Data tas-sottomissjoni tar-rapportar	Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data meta jsir ir-rapportar lill-awtorità superviżorja.
C0010/R0050	Tmiem tas-sena finanzjarja	Identifika l-kodiċi tal-ISO 8601 (ssss-xx-jj) tat-tmiem tas-sena finanzjarja tal-impriża, eż. 2017-12-31.
C0010/R0060	Data ta' referenza tar-rapportar	Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data li tidentifika l-aħħar jum tal-perjodu tar-rapportar.
C0010/R0070	Sottomissjoni regolari/*ad hoc*	Identifika jekk is-sottomissjoni tal-informazzjoni hijiex relatata mas-sottomissjoni regolari tal-informazzjoni jew *ad hoc*. Għandha tintuża l-lista ta' opzjonijiet magħluqa li ġejja: 1 - Rapportar regolari 2 - Rapportar *ad hoc*
C0010/R0090	Munita użata għar-rapportar	Identifika l-kodiċi alfabetiku ISO 4217 tal-munita tal-ammonti monetarji użati f'kull rapport
C0010/R0260	Il-PEPP għadu kkummerċjalizzat?	Speċifika jekk il-prodott għadux għall-bejgħ jew jekk għadux sempliċement f'runoff. Għandha tintuża l-lista magħluqa li ġejja: — Għadu kkummerċjalizzat — F'run-off
C0010/R0270	Tip ta' entità	Speċifika t-tip ta' entità li taħtha jaqa' l-fornitur tal-PEPP li qed jissottometti d-*data* għall-PEPP tiegħu. Għandha tintuża l-lista magħluqa li ġejja: — Istituzzjoni ta' kreditu (skont id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])) — Impriża tal-assigurazzjoni (skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2])) — Istituzzjoni għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (skont id-Direttiva 2016/2341/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]))

		— Ditta tal-investiment (skont id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4])) — Kumpanija ta' investiment jew kumpanija maniġerjali (skont id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5])) — EUAIFM (skont id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]))
C0010/R0280	L-użu ta' ġabra komuni ta' assi għall-opzjonijiet kollha ta' investiment	Speċifika jekk tintużax il-ġabra komuni ta' assi għall-opzjonijiet kollha ta' investiment. Għandha tintuża l-lista magħluqa li ġejja: 1 - Iva 2 - Le

([1]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li thassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

([2]) Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

([3]) Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37).

([4]) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

([5]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

([6]) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

PP.52.01 – Informazzjoni dwar il-PEPP u l-faddala tal-PEPP

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsima hija relatata mas-sottomissjoni annwali ta' informazzjoni dettaljata dwar PEPP partikolari. Barra minn hekk, xi informazzjoni għal opzjoni partikolari ta' investiment tal-PEPP, jiġifieri PEPP bażiku jew opzjonijiet alternattivi ta' investimenti, għandha tiġi deskritta aktar, skont il-pajjiż li fih dan il-prodott jiġi kkummerċjalizzat u permezz ta' subkontijiet miftuħin. Fil-każ li l-opzjonijiet alternattivi ta' investiment isiru, individwalment jew flimkien, sinifikanti fir-rigward tat-tfaddil fil-PEPP Bażiku, l-informazzjoni għandha tiġi rrapportata f'livell aktar granulari jew fil-livell ta' kull opzjoni ta' investiment.

Il-valuri kollha għandhom jiġu pprovduti bħallikieku jiġu rrapportati skont il-qafas prudenzjali li taħtu taqa' l-entità.

L-informazzjoni dwar l-opzjonijiet alternattivi ta' investiment kollha għandha tiġi aggregata.

Informazzjoni dwar il-PEPP u l-faddala tal-PEPP (1)

ORDINAT TAT-TABELLA	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0020/R0010	Kostijiet amministrattivi tal-PEPP Bażiku	L-ammont totali tal-kostijiet amministrattivi relatati mal-amministrazzjoni tal-PEPP, li jintalab mill-faddal tal-PEPP matul il-perjodu ta' rapportar.

		L-ammont huwa relatat ma' kostijiet ta' darba u rikorrenti ta' PEPP Bażiku.
C0040/R0010	Kostijiet tad-distribuzzjoni tal-PEPP Bażiku	L-ammont totali ta' kostijiet relatati mad-distribuzzjoni tal-PEPP. L-ammont huwa relatat ma' kostijiet ta' darba u rikorrenti ta' PEPP Bażiku.
C0050/R0010	Kostijiet għall-għoti ta' pariri dwar il-PEPP Bażiku	Ammont totali ta' kostijiet relatati mal-kostijiet tal-għoti ta' pariri dwar il-PEPP, imposti matul il-perjodu ta' rapportar. L-ammont huwa relatat ma' kostijiet ta' darba u rikorrenti ta' PEPP Bażiku.
C0060/R0010	Kostijiet ta' investiment tal-PEPP Bażiku	Ammont totali ta' kostijiet ta' investiment relatati mal-PEPP, mitluba matul il-perjodu ta' rapportar. Dawn il-kostijiet ikopru l-imposti relatati mas-salvagwardja tal-assi, l-attivitajiet li jirriżultaw mit-twettiq ta' operazzjonijiet ta' tranżazzjoni u kostijiet oħra relatati mal-attivitajiet ta' investiment iżda mhux attribwibbli għal żewġ kategoriji msemmija hawn fuq. L-ammont huwa relatat ma' kostijiet ta' darba u rikorrenti ta' PEPP Bażiku.
C0100/R0010	Kostijiet tal-garanziji kapitali, jekk applikabbli, tal-PEPP Bażiku	L-ammont totali tal-kostijiet tal-garanziji kapitali tal-PEPP, iddebitati matul il-perjodu ta' rapportar. L-ammont huwa relatat ma' kostijiet ta' darba u rikorrenti ta' PEPP Bażiku.
C0020/R0040	Kostijiet amministrattivi ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment	L-ammont totali tal-kostijiet amministrattivi relatati mal-amministrazzjoni tal-PEPP, li jintalab mill-faddal tal-PEPP matul il-perjodu ta' rapportar. L-ammont huwa relatat ma' kostijiet ta' darba u rikorrenti ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment.
C0040/R0040	Kostijiet tad-distribuzzjoni ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment	Ammont totali ta' kostijiet relatati mad-distribuzzjoni tal-PEPP. L-ammont huwa relatat ma' kostijiet ta' darba u rikorrenti ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment.
C0050/R0040	Kostijiet tal-għoti ta' pariri dwar opzjonijiet alternattivi ta' investiment	Ammont totali ta' kostijiet relatati mal-kostijiet tal-għoti ta' pariri dwar il-PEPP, imposti matul il-perjodu ta' rapportar. L-ammont huwa relatat ma' kostijiet ta' darba u rikorrenti ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment.
C0060/R0040	Kostijiet ta' investiment ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment	Ammont totali ta' kostijiet ta' investiment relatati mal-PEPP, mitluba matul il-perjodu ta' rapportar. Dawn il-kostijiet ikopru l-imposti relatati mas-salvagwardja tal-assi, l-attivitajiet li jirriżultaw mit-twettiq ta' operazzjonijiet ta' tranżazzjoni u kostijiet oħra relatati mal-attivitajiet ta' investiment iżda mhux attribwibbli għal żewġ kategoriji msemmija hawn fuq. L-ammont huwa relatat ma' kostijiet ta' darba u rikorrenti ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment.

Informazzjoni dwar il-PEPP u l-faddala tal-PEPP (2)

ORDINAT TAT-TABELLA	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
Z0010	Pajjiż	Il-kodiċi ISO 3166 1 alpha 2 tal-Istati Membri ta' domiċilju jew ospitanti tal-PEPP. Din l-entrata għandha timtela għal kull pajjiż fejn ikun disponibbli subkont jew fejn jiġi pprovdut il-PEPP.
C0150/R0020	Numru ta' faddala tal-PEPP fil-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż	Numru ta' faddala tal-PEPP fil-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż
C0160/R0020	Il-kontribuzzjonijiet grossi totali riċevuti għall-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż	L-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet matul il-perjodu ta' rapportar imħallsa mill-faddala tal-PEPP tal-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż.
C0170/R0020	Ir-redditi grossi totali fuq l-investiment għall-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż	Ammont totali tar-redditi gross fuq l-investiment allokat lill-faddala tal-PEPP. Il-valur huwa gross tal-kostijiet tal-investiment tal-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż.
C0190/R0020	Pagamenti tal-benefiċċji totali għall-PEPP Bażiku kkummerċjalizzati fil-pajjiż	L-ammont totali tal-pagamenti tal-benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP għall-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż. Dan l-ammont jinkludi l-benefiċċji kollha mħallsa, jiġifieri inklużi r-riskji bijometriċi u opzjonijiet oħra possibbli inklużi fi prodott partikolari.
C0200/R0020	Pagamenti tal-benefiċċji relatati mal-irtirar għal PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż	L-ammont tal-pagament tal-benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP tal-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż. Dan l-ammont jinkludi biss il-benefiċċji relatati mal-irtirar.
C0210/R0020	Pagamenti tal-benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' annwalitajiet għal PEPP Bażiku kkumerċjalizzat fil-pajjiż	L-ammont tal-pagamenti tal-benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP ta' PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż. Dan l-ammont jinkludi biss il-benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz tal-annwalitajiet.
C0220/R0020	Pagamenti tal-benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' somma f'daqqa għal PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż	L-ammont tal-pagamenti tal-benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP ta' PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż. Dan l-ammont jinkludi biss benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' somma f'daqqa.
C0230/R0020	Pagamenti tal-benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' pagamenti ta' prelevament għal PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż	L-ammont tal-pagamenti tal-benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP ta' PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż. Dan l-ammont jinkludi biss benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' pagamenti ta' prelevament.
C0240/R0020	Pagamenti ta' benefiċċji mhux relatati mal-irtirar għal PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż	L-ammont tal-pagamenti tal-benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP ta' PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż. Dan l-ammont jinkludi biss il-benefiċċji relatati mal-assigurazzjoni mhux tal-irtirar, jiġifieri r-riskji bijometriċi u opzjonijiet oħra possibbli.

C0250/R0020	Numru ta' notifiki skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2019/1238 li waslu mingħand il-faddala tal-PEPP li bidlu r-residenza tagħhom għal oħra Stat Membru għall-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż	Numru ta' notifiki li waslu mingħand il-faddala tal-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż relatati mal-bidla tar-residenza tal-faddala tal-PEPP għal Stat Membru ieħor.
C0260/R0020	Numru ta' talbiet għall-ftuħ ta' subkont skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għal PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż	Numru ta' talbiet għall-ftuħ ta' subkont ġdid tal-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż, li waslu mingħand il-faddala tal-PEPP li informaw lill-fornitur tal-PEPP dwar l-intenzjoni tagħhom li jibdlu r-residenza għal Stat Membru ieħor.
C0270/R0020	Numru ta' subkontijiet miftuħin skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għall-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż	Numru ta' subkontijiet attwali miftuħa tal-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż relatat mat-talbiet li waslu mingħand il-faddala tal-PEPP li infurmaw lill-fornitur tal-PEPP dwar l-intenzjoni tagħhom li jibdlu r-residenza għal Stat Membru ieħor.
C0280/R0020	Numru ta' talbiet mingħand il-faddala tal-PEPP għal bidla f'konformità mal-Artikolu 20(5)(a) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għall-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż	Numru ta' talbiet biex wieħed jaqleb għal fornitur ieħor tal-PEPP, minħabba li l-fornitur attwali tal-PEPP ma jistax joħloq subkont relatat mal-faddala tal-PEPP tal-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż li jibdlu r-residenza għal Stat Membru ieħor.
C0290/R0020	Trasferimenti attwali magħmula skont l-Artikolu 20(5)(a) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għall-PEPP bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż	Ammont ta' trasferimenti attwali lil fornitur ieħor tal-PEPP, minħabba li l-fornitur attwali tal-PEPP ma jistax joħloq subkont relatat ma' faddala tal-PEPP tal-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż li jibdlu r-residenza għal Stat Membru ieħor.
C0300/R0020	Numru ta' talbiet mingħand il-faddala tal-PEPP għall-bidla skont l-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għall-PEPP bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż.	Numru ta' talbiet għall-bidla għal fornitur ieħor tal-PEPP fuq talba mingħand faddala tal-PEPP tal-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż ipprovdut skont l-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238
C0310/R0020	Trasferimenti attwali magħmula skont l-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għall-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż	Ammont ta' trasferimenti attwali lil fornitur ieħor tal-PEPP fuq talba mingħand faddala tal-PEPP ta' PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż ipprovdut skont l-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238

C0320/R0020	Assi tal-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż	L-ammont totali ta' assi relatati mal-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż.
C0330/R0020	Obbligi tal-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż	Ammont totali ta' provvedimenti tekniċi u obbligazzjonijiet oħra, fejn rilevanti, relatati ma' PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż.
C0340/R0020	Numru ta' lmenti għall-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż	In-numru totali ta' lmenti riċevuti għall-PEPP Bażiku kkummerċjalizzat fil-pajjiż matul il-perjodu ta' rapportar.
C0150/R0030	In-numru ta' faddala tal-PEPP fil-PEPP Bażiku f'run-off	In-numru ta' faddala tal-PEPP fil-PEPP Bażiku f'run-off
C0160/R0030	Il-kontribuzzjonijiet grossi totali riċevuti għall-PEPP Bażiku f'run-off	L-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet matul il-perjodu ta' rapportar imħallsa mill-faddala tal-PEPP tal-PEPP Bażiku f'run-off.
C0170/R0030	Ir-redditi grossi totali fuq l-investiment għall-PEPP Bażiku f'run-off	Ammont totali tar-redditi gross fuq l-investiment allokat lill-faddala tal-PEPP. Il-valur huwa gross tal-kostijiet tal-investiment tal-PEPP Bażiku f'run-off.
C0190/R0030	Pagamenti tal-benefiċċji totali għall-PEPP Bażiku f'run-off	L-ammont totali tal-pagamenti ta' benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP għal-PEPP Bażiku f'run-off. Dan l-ammont jinkludi l-benefiċċji kollha mħallsa, jiġifieri inklużi r-riskji bijometriċi u opzjonijiet oħra possibbli inklużi fi prodott partikolari.
C0200/R0030	Pagamenti tal-benefiċċji relatati mal-irtirar għal PEPP Bażiku f'run-off	Ammont ta' pagament ta' benefiċċju matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP tal-PEPP Bażiku f'run-off. Dan l-ammont jinkludi biss il-benefiċċji relatati mal-irtirar.
C0210/R0030	Pagamenti ta' benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' annwalitajiet għall-PEPP Bażiku f'run-off	Ammont ta' pagamenti ta' benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP tal-PEPP Bażiku f'run-off. Dan l-ammont jinkludi biss il-benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz tal-annwalitajiet.
C0220/R0030	Pagamenti ta' benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' somma f'daqqa għal PEPP Bażiku f'run-off	Ammont ta' ħlasijiet ta' benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP ta' PEPP Bażiku f'run-off. Dan l-ammont jinkludi biss benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' somma f'daqqa.
C0230/R0030	Pagamenti tal-benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' pagamenti ta' prelevament għal PEPP Bażiku f'run-off	L-ammont ta' pagamenti tal-benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP tal-PEPP Bażiku f'run-off. Dan l-ammont jinkludi biss benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' pagamenti ta' prelevament.
C0240/R0030	Pagamenti ta' benefiċċji mhux relatati mal-irtirar għal PEPP Bażiku f'run-off	Ammont ta' pagamenti ta' benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP tal-PEPP Bażiku f'run-off. Dan l-ammont jinkludi biss il-benefiċċji relatati mal-assigurazzjonijiet mhux tal-irtirar, jiġifieri r-riskji bijometriċi u opzjonijiet oħra possibbli.

C0250/R0030	Numru ta' notifiki skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE 2019/1238 li waslu mingħand il-faddala tal-PEPP li bidlu r-residenza tagħhom għal Stat Membru ieħor għall-PEPP Bażiku f'run-off	Numru ta' notifiki riċevuti mingħand faddala tal-PEPP ta' PEPP Bażiku f'run-off relatati mal-bidla tar-residenza tal-faddal tal-PEPP għal Stat Membru ieħor.
C0260/R0030	Numru ta' talbiet għall-ftuħ ta' subkont skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għall-PEPP Bażiku f'run-off	Numru ta' talbiet biex jinfetaħ subkont ġdid tal-PEPP Bażiku f'run-off, li waslu mingħand il-faddala tal-PEPP li informaw lill-fornitur tal-PEPP dwar l-intenzjoni tagħhom li jibdlu r-residenza għal Stat Membru ieħor.
C0270/R0030	Numru ta' subkontijiet miftuħa skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għall-PEPP Bażiku f'run-off	Numru ta' subkontijiet attwali miftuħa tal-PEPP Bażiku f'run-off relatat ma' talbiet li waslu mingħand il-faddala tal-PEPP li infurmaw lill-fornitur tal-PEPP dwar l-intenzjoni tagħhom li jibdlu r-residenza għal Stat Membru ieħor.
C0280/R0030	Numru ta' talbiet mingħand il-faddala tal-PEPP biex jaqilbu skont l-Artikolu 20(5)(a) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għall-PEPP Bażiku f'run-off	Numru ta' talbiet biex wieħed jaqleb għal fornitur ieħor tal-PEPP, minħabba li l-fornitur attwali tal-PEPP ma jistax joħloq subkont relatat mal-faddala tal-PEPP ta' PEPP Bażiku f'run-off li jibdlu r-residenza għal Stat Membru ieħor.
C0290/R0030	Trasferimenti attwali magħmula skont l-Artikolu 20(5)(a) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għal PEPP bażiku f'run-off	Ammont ta' trasferimenti attwali lil fornitur ieħor tal-PEPP, minħabba li l-fornitur attwali tal-PEPP ma jistax joħloq subkont relatat ma' faddala tal-PEPP ta' PEPP Bażiku f'run-off li jibdlu r-residenza għal Stat Membru ieħor.
C0300/R0030	Numru ta' talbiet mingħand il-faddala tal-PEPP biex jaqilbu skont l-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għall-PEPP Bażiku f'run-off	Numru ta' talbiet għal bidla għal fornitur ieħor tal-PEPP fuq talba mingħand faddala tal-PEPP ta' PEPP Bażiku f'run-off previst skont l-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238
C0310/R0030	Trasferimenti attwali magħmula skont l-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238 jew PEPP Bażiku f'run-off	Ammont ta' trasferimenti attwali lil fornitur ieħor tal-PEPP fuq talba mingħand faddala tal-PEPP ta' PEPP Bażiku f'run-off ipprovdut skont l-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238
C0320/R0030	Assi ta' PEPP Bażiku f'run-off	Ammont totali ta' assi relatati mal-PEPP Bażiku f'run-off.
C0330/R0030	Obbligi ta' PEPP Bażiku f'run-off	Ammont totali ta' provvedimenti tekniċi u obbligazzjonijiet oħra, fejn rilevanti, relatati ma' PEPP Bażiku f'run-off.

C0340/R0030	Numru ta' lmenti għall-PEPP Bażiku f'run-off	In-numru totali ta' lmenti riċevuti għall-PEPP Bażiku f'run-off matul il-perjodu ta' rapportar.
C0150/R0050	Numru ta' faddala tal-PEPP f'opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	Numru ta' faddala tal-PEPP f'opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż
C0160/R0050	Total ta' kontribuzzjonijiet grossi riċevuti għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati il-pajjiż	Ammont totali ta' kontribuzzjonijiet matul il-perjodu ta' rapportar imħallsa mill-faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż.
C0170/R0050	Ammont totali ta' redditi grossi fuq l-investiment għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	Ammont totali tar-redditi gross fuq l-investiment allokat lill-faddala tal-PEPP. Il-valur huwa gross tal-kostijiet tal-investiment ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż.
C0190/R0050	Pagamenti ta' benefiċċji totali għall-opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	Ammont totali ta' pagamenti ta' benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP għall-opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż. Dan l-ammont jinkludi l-benefiċċji kollha mħallsa, jiġifieri inklużi r-riskji bijometriċi u opzjonijiet oħra possibbli inklużi fi prodott partikolari.
C0200/R0050	Pagamenti ta' benefiċċji relatati mal-irtirar għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	L-ammont ta' pagament ta' benefiċċju matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż. Dan l-ammont jinkludi biss il-benefiċċji relatati mal-irtirar.
C0210/R0050	Pagamenti ta' benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' annwalitajiet għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	L-ammont ta' pagamenti ta' benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż. Dan l-ammont jinkludi biss il-benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz tal-annwalitajiet.
C0220/R0050	Pagamenti ta' benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' somma f'daqqa għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	L-ammont ta' pagamenti ta' benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż. Dan l-ammont jinkludi biss benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' somma f'daqqa.
C0230/R0050	Pagamenti ta' benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' pagamenti ta' prelevament għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	L-ammont ta' pagamenti ta' benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż. Dan l-ammont jinkludi biss benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' pagamenti ta' prelevament.

C0240/R0050	Pagamenti ta' benefiċċji mhux relatati mal-irtirar għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	L-ammont ta' pagamenti ta' benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż. Dan l-ammont jinkludi biss il-benefiċċji relatati mal-assigurazzjoni mhux tal-irtirar, jiġifieri r-riskji bijometriċi u opzjonijiet oħra possibbli.
C0240/R0050	Numru ta' notifiki skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2019/1238 li waslu mingħand il-faddala tal-PEPP li bidlu r-residenza tagħhom għal oħra Stat Membru għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	Numru ta' notifiki riċevuti mingħand il-faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż relatati mal-bidla tar-residenza tal-faddal tal-PEPP lejn Stat Membru ieħor.
C0260/R0050	Numru ta' talbiet għall-ftuħ ta' subkont skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	Għadd ta' talbiet biex jinfetaħ subkont ġdid dwar l-opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż, riċevuti mingħand faddala tal-PEPP li jkunu infurmaw lill-fornitur tal-PEPP dwar l-intenzjoni tagħhom li jibdlu r-residenza għal Stat Membru ieħor.
C0270/R0050	Numru ta' subkontijiet miftuħin skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	Numru ta' subkontijiet attwali miftuħa tal-opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż relatat ma' talbiet riċevuti mingħand faddala tal-PEPP li jkunu infurmaw lill-fornitur tal-PEPP dwar l-intenzjoni tagħhom li jibdlu r-residenza għal Stat Membru ieħor.
C0280/R0050	Numru ta' talbiet mingħand il-faddala tal-PEPP għall-bidla skont l-Artikolu 20(5)(a) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	Numru ta' talbiet biex wieħed jaqleb għal fornitur ieħor tal-PEPP, minħabba li l-fornitur attwali tal-PEPP ma jistax joħloq subkont relatat mal-faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż li jibdlu r-residenza għal Stat Membru ieħor.
C0290/R0050	Trasferimenti attwali magħmula skont l-Artikolu 20(5)(a) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	Ammont ta' trasferimenti attwali lil fornitur ieħor tal-PEPP, minħabba li l-fornitur attwali tal-PEPP ma jistax joħloq subkont relatat ma' faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż li jibdlu r-residenza għal Stat Membru ieħor.

C0300/R0050	Numru ta' talbiet mingħand il-faddala tal-PEPP għall-bidla skont l-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	Numru ta' talbiet għall-bidla għal fornitur ieħor tal-PEPP fuq talba mingħand faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż ipprovduti skont l-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238
C0310/R0050	Trasferimenti attwali magħmula skont l-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	Ammont ta' trasferimenti attwali lil fornitur PEPP ieħor fuq talba mingħand faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż skont l-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238
C0320/R0050	Assi ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	L-ammont totali ta' assi relatati mal-opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż.
C0330/R0050	Obbligi ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	L-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi u obbligazzjonijiet oħra, fejn ikun rilevanti, relatati ma' opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkumerċjalizzati fil-pajjiż.
C0340/R0050	Għadd ta' lmenti għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment ikkummerċjalizzati fil-pajjiż	Numru totali ta' lmenti riċevuti għall-opzjonijiet alternattivi ta' investimenti kkummerċjalizzati fil-pajjiż matul il-perjodu ta' rapportar.
C0149/R0060	Numru ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment offruti għall-prodott PEPP f'run-off	Numru ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment offruti għall-prodott PEPP f'run-off
C0150/R0060	Numru ta' faddala tal-PEPP f'opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	Numru ta' faddala tal-PEPP f'opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off
C0160/R0060	Kontribuzzjonijiet grossi totali riċevuti għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	Ammont totali ta' kontribuzzjonijiet matul il-perjodu ta' rapportar imħallsa mill-faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off.
C0170/R0060	Redditi grossi totali fuq l-investiment għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	Ammont totali tar-redditi gross fuq l-investiment allokat lill-faddala tal-PEPP. Il-valur huwa gross tal-kostijiet tal-investiment ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off.
C0190/R0060	Pagamenti ta' benefiċċji totali għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	L-ammont totali ta' pagamenti ta' benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP għall-opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off. Dan l-ammont jinkludi l-benefiċċji kollha mħallsa, jiġifieri inklużi r-riskji bijometriċi u opzjonijiet oħra possibbli inklużi fi prodott partikolari.

C0200/R0060	Pagamenti ta' benefiċċji relatati mal-irtirar għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	L-ammont ta' pagament ta' benefiċċju matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off. Dan l-ammont jinkludi biss il-benefiċċji relatati mal-irtirar.
C0210/R0060	Pagamenti ta' benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' annwalitajiet għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	L-ammont ta' pagamenti ta' benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off. Dan l-ammont jinkludi biss il-benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz tal-annwalitajiet.
C0220/R0060	Pagamenti ta' benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' somma f'daqqa għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	Ammont ta' pagamenti ta' benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off. Dan l-ammont jinkludi biss benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' somma f'daqqa.
C0230/R0060	Pagamenti ta' benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' pagamenti ta' prelevament għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	L-ammont ta' pagamenti tal-benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off. Dan l-ammont jinkludi biss benefiċċji relatati mal-irtirar imħallsa permezz ta' pagamenti ta' prelevament.
C0240/R0060	Pagamenti ta' benefiċċji mhux relatati mal-irtirar għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	L-ammont ta' pagamenti ta' benefiċċji matul il-perjodu ta' rapportar lill-faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off. Dan l-ammont jinkludi biss il-benefiċċji relatati mal-assigurazzjoni mhux tal-irtirar, jiġifieri r-riskji bijometriċi u opzjonijiet oħra possibbli.
C0250/R0060	Numru ta' notifiki skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2019/1238 li waslu mingħand il-faddala tal-PEPP li bidlu r-residenza tagħhom għal Stat Membru ieħor għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	Numru ta' notifiki li waslu mingħand il-faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off relatati mal-bidla tar-residenza tal-PEPP għal Stat Membru ieħor.
C0260/R0060	Numru ta' talbiet għall-ftuħ ta' subkont skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	Numru ta' talbiet biex jinfetaħ subkont ġdid tal-opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off, li waslu mingħand il-faddala tal-PEPP li jkunu infurmaw lill-fornitur tal-PEPP dwar l-intenzjoni tagħhom li jibdlu r-residenza għal Stat Membru ieħor.
C0270/R0060	Numru ta' subkontijiet miftuħa skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	Numru ta' subkontijiet attwali miftuħa tal-opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off relatati ma' talbiet li waslu mingħand il-faddala tal-PEPP li jkunu infurmaw lill-fornitur tal-PEPP dwar l-intenzjoni tagħhom li jibdlu r-residenza għal Stat Membru ieħor.

C0280/R0060	Numru ta' talbiet mingħand il-faddala tal-PEPP biex jaqilbu skont l-Artikolu 20(5)(a) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	Numru ta' talbiet biex wieħed jaqleb għal fornitur ieħor tal-PEPP, minħabba li l-fornitur attwali tal-PEPP ma jistax joħloq subkont relatat mal-faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off li jibdlu r-residenza għal Stat Membru ieħor.
C0290/R0060	Trasferimenti attwali magħmula skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	Ammont ta' trasferimenti attwali lil fornitur ieħor tal-PEPP, minħabba li l-fornitur attwali tal-PEPP ma jistax joħloq subkont relatat ma' faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off li jibdlu r-residenza għal Stat Membru ieħor.
C0300/R0060	Numru ta' talbiet mingħand il-faddala tal-PEPP għall-bidla skont l-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	Numru ta' talbiet għal bidla għal fornitur ieħor tal-PEPP fuq talba mingħand faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off ipprovduti skont l-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238
C0310/R0060	Trasferimenti attwali magħmula skont l-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	Ammont ta' trasferimenti attwali lil fornitur ieħor tal-PEPP fuq talba mingħand faddala tal-PEPP ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off ipprovduti skont l-Artikolu 52(3) tar-Regolament (UE) 2019/1238
C0320/R0060	Assi ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	Ammont totali ta' assi relatati ma' opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off.
C0330/R0060	Obbligi ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	Ammont totali ta' provvedimenti tekniċi u obbligazzjonijiet oħra, fejn rilevanti, relatati ma' opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off.
C0340/R0060	Numru ta' lmenti għal opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off	Numru totali ta' lmenti li waslu għall-opzjonijiet alternattivi ta' investiment f'run-off matul il-perjodu ta' rapportar.

PP.06.02- Lista ta' assi - Kummenti ġenerali:

Din it-taqsima hija relatata mas-sottomissjoni annwali tal-informazzjoni għall-PEPPs b'aktar diviżjoni minn PEPP Bażiku u opzjonijiet alternattivi ta' investiment. Fil-każ li l-opzjonijiet alternattivi ta' investiment isiru, individwalment jew flimkien, sinifikanti fir-rigward tat-tfaddil fil-PEPP Bażiku, l-informazzjoni għandha tiġi rrapportata f'livell aktar granulari jew fil-livell ta' kull opzjoni ta' investiment.

Il-kategoriji ta' assi msemmija f'dan il-mudell huma dawk iddefiniti fl-Anness IV - id-Definizzjonijiet tat-Tabella CIC u r-referenzi għall-Kodiċi ta' Identifikazzjoni Komplementari ("CIC") jirreferu għat-tabella CIC tal-Anness III.

Din il-formola tinkludi lista ta' assi, entrata b'entrata, relatati mal-PEPP (jiġifieri mhux abbażi tal-approċċ look-through), klassifikabbli bħala kategoriji ta' assi minn 0 sa 9, bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

(a) il-flus kontanti għandhom jiġu rapportati f'ringiela waħda għal kull munita, għal kull kombinazzjoni tal-entrati C0060, C0070, C0080 u C0090;

(b) depożiti trasferibbli (ekwivalenti fi flus kontanti) u depożiti oħra b'maturità ta' inqas minn sena għandhom jiġu rrapportati f'ringiela waħda għal kull par ta' bank u munita, għal kull kombinazzjoni tal-entrati C0060, C0070, C0080, C0090 u C0290;

(c) id-depożiti liċ-ċedenti għandhom jiġu rrapportati f'linja waħda, għal kull kumbinazzjoni tal-entrati C0060, C0070, C0080 u C0090.

Dan il-mudell jinkludi żewġ tabelli: Informazzjoni dwar pożizzjonijiet miżmuma u Informazzjoni dwar l-assi.

Fit-tabella Informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet miżmuma, kull assi għandu jiġi rrapporat b'mod separat f'kemm-il linja tkun meħtieġa sabiex il-varjabbli mhux monetarji kollha jimtlew kif suppost bl-eċċezzjoni tal-entrata "Kwantità", mitluba f'dik it-tabella. Jekk għall-istess assi jistgħu jiġu attribwiti żewġ valuri għal varjabbli wieħed, allura dan l-assi jeħtieġ li jiġi rrapportat f'aktar minn linja waħda.

Fit-tabella Informazzjoni dwar l-assi, kull assi għandu jiġi rrapportat separatament, b'ringiela waħda għal kull assi, billi jimtlew il-varjabbli applikabbli kollha mitluba f'dik it-tabella. L-assi għandhom jiġu allokati skont l-għażla ta' investiment tal-PEPP (PEPP Bażiku u opzjonijiet alternattivi ta' investiment), sakemm l-opzjonijiet ta' investiment PEPP kollha ma jkunux jikkondividu l-istess grupp ta' assi, fejn l-assi għandhom jiġu allokati bħala "assi komuni tal-PEPP". Fil-każ li l-opzjonijiet alternattivi ta' investiment isiru, individwalment jew flimkien, sinifikanti fir-rigward tat-tfaddil fil-PEPP Bażiku, l-informazzjoni għandha tiġi rrapportata f'livell aktar granulari jew fil-livell ta' kull opzjoni ta' investiment.

Il-valuri kollha għandhom jiġu rrapportati skont il-qafas prudenzjali li taħtu taqa' l-entità. Jekk fornitur tal-PEPP ikun eżentat milli jirrapporta Klassifikazzjoni Esterna u Istituzzjoni(jiet) Esterna/i tal-Valutazzjoni tal-Kreditu ("ECAI") fil-leġiżlazzjoni settorjali tiegħu, l-informazzjoni dwar il-qasam (C0250) u l-qasam (C0260) tista' tkun limitata (mhux irrapportata). Inkella, din l-informazzjoni għandha tiġi rrapportata.

Informazzjoni dwar pożizzjonijiet miżmuma

ORDINAT TAT-TABELLA	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0011	Kodiċi tal-ID tal-Assi u t-Tip tal-kodiċi	Din l-informazzjoni tgħaqqad id-*data* dwar il-Kodiċi tal-ID tal-assi (il-kolonni C0010 u C0110 mid-deċiżjoni tal-BoS) u t-Tip tal-Kodiċi tal-ID tal-Assi (il-kolonni C0020 u C0120 mid-deċiżjoni tal-BoS) Kodiċi tal-ID tal-assi permezz ta': — Kodiċi ISO 6166 tal-ISIN Biss jekk il-kodiċi ISIN ma jkunx disponibbli: — Kodiċijiet rikonoxxuti oħra (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — Kodiċi attribwit, meta kodiċijiet rikonoxxuti oħra ma jkunux disponibbli. Dan il-kodiċi għandu jkun uniku u għandu jinżamm konsistenti maż-żmien. Tip tal-Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi tal-ID tal-Assi": 1 - ISO 6166 għall-kodiċi ISIN 2 - CUSIP (il-Kumitat għal Titoli uniformi Numru tal-Proċeduri ta' Identifikazzjoni assenjat mis-CUSIP Bureau tas-Servizzi għall-kumpaniji tal-Istati Uniti u tal-Kanada) 3 - SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra) 4 - WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru tal-identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż)
		5 - Bloomberg Ticker (Kodiċi tal-ittri Bloomberg li jidentifikaw it-titoli tal-kumpanija) 6 - BBGID (L-ID Globali ta' Bloomberg) 7 - Reuters RIC (Kodiċi tal-istrument ta' Reuters) 8 - FIGI (Identifikatur Globali tal-Istrumenti Finanzjarji) 9 - Kodiċi ieħor mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal- Aġenziji tan-Numerazzjoni Nazzjonali 99 - Kodiċi attribwit

		Meta l-istess kodiċi tal-ID tal-Assi jkun jeħtieġ li jiġi rraportat għal assi wieħed li jinħareġ f'żewġ muniti differenti jew aktar, jeħtieġ li jiġi speċifikat il-kodiċi tal-ID tal-Assi u l-kodiċi alfabetiku ISO L 4217 tal-munita, bħal fl-eżempju li ġej: "kodiċi+EUR". F'dan il-każ, it-Tip ta' Kodiċi tal-ID tal-assi għandu jirreferi għall-għażla 99 u l-għażla tal-Kodiċi tal-ID tal-Assi oriġinali, bħal fl-eżempju li ġej li għalih il-kodiċi rrapportat kien il-kodiċi ISIN+il-munita: "99/1".
C0010	PEPP bażiku/opzjonijiet alternattivi ta' investiment	Tip ta' opzjonijiet ta' investiment PEPP. Id-differenzjazzjoni użata f'dan il-qasam, hija bejn il-PEPP bażiku u opzjonijiet alternattivi ta' investiment. Għażla 3, l-assi tal-PEPP għandhom jintużaw fil-każ li l-opzjonijiet kollha ta' investiment tal-PEPP ikunu fl-istess grupp ta' assi. Għandha tintuża l-lista magħluqa li ġejja: 1 - PEPP Bażiku 2 - Opzjonijiet alternattivi ta' investiment 3 - Assi komuni tal-PEPP
C0040	Pajjiż tal-kustodja	Kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-pajjiż fejn l-assi huma miżmuma f'kustodja. Għall-identifikazzjoni ta' kustodji internazzjonali, bħal Euroclear, il-pajjiż tal-kustodja se jkun dak li jikkorrispondi għall-istabbiliment legali fejn is-servizz tal-kustodja kien iddefinit kuntrattwalment. Fil-każ li l-istess tip ta' assi jinżamm fil-kustodja f'aktar minn pajjiż wieħed, kull assi għandu jiġi rrapportat separatament f'kemm-il linja tkun meħtieġa sabiex jiġu identifikati kif xieraq il-pajjiżi ta' kustodja kollha. Fir-rigward tal-proprjetà, il-pajjiż emittent huwa vvalutat bl-indirizz tal-proprjetà.
C0050	Kustodju	Il-kodiċi LEI jew, jekk il-kodiċi LEI ma jkunx disponibbli, l-isem tal-istituzzjoni finanzjarja li tkun il-kustodju. Fil-każ li l-istess tip ta' assi jinżamm f'kustodja f'aktar minn kustodju wieħed, kull assi għandu jiġi rrapportat separatament f'kemm-il linja tkun meħtieġa sabiex il-kustodji kollha jiġu identifikati b'mod xieraq.
C0060	Kwantità	Numru ta' assi, għall-assi rilevanti. Din l-entrata ma għandhiex tiġi rrapportata jekk l-entrata Ammont ugwali (C0070) tiġi rrapportata.
C0070	Ammont ugwali	Ammont prinċipali pendenti mkejjel skont l-ammont ugwali, għall-assi kollha fejn din l-entrata hija rilevanti, u f'ammont nominali għal flus kontanti u ekwivalenti ta' flus kontanti. Din l-entrata ma għandhiex tiġi rrapportata jekk tiġi rrapportata l-entrata Kwantità (C0060).
C0075	Metodu ta' valwazzjoni	L-istrument finanzjarju huwa vvalutat permezz ta': 1 - valwazzjoni skont il-valur tas-suq; 2 - valwazzjoni konsistenti mas-suq; 3 - valwazzjoni konsistenti mas-suq mhijiex applikabbli.

C0080	Valur tal-akkwiżizzjoni	Valur totali tal-akkwiżizzjoni għal assi miżmuma, valur nadif mingħajr imgħax akkumulat.
C0090	Imgħax akkumulat	Ikkwantifika l-ammont ta' imgħax akkumulat wara l-aħħar data tal-kupun għal titoli li jġorru l-imgħax.
C0100	Valur tal-Assi tas-Suq	Valur tas-suq tal-assi.

Informazzjoni dwar l-assi

ORDINAT TAT-TABELLA	ENTRATA	STRUZZJONI
C0011	Kodiċi tal-ID tal-Assi u t-Tip tal-kodiċi	Din l-informazzjoni tgħaqqad id-*data* dwar il-kodiċi tal-ID tal-Assi (il-kolonni C0010 u C0110 mid-deċiżjoni tal-BoS) u t-Tip tal-Kodiċi tal-ID tal-Assi (il-kolonni C0020 u C0120 mid-deċiżjoni tal-BoS) Kodiċi tal-ID tal-assi permezz ta': — Kodiċi ISO 6166 tal-ISIN Biss jekk il-kodiċi ISIN ma jkunx disponibbli: — Kodiċijiet rikonoxxuti oħra (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — Kodiċi attribwit, meta kodiċijiet rikonoxxuti oħra ma jkunux disponibbli. Dan il-kodiċi għandu jkun uniku u għandu jinżamm konsistenti maż-żmien. Tip tal-Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi tal-ID tal-Assi": 1 - ISO 6166 għall-kodiċi tal-ISIN 2 - CUSIP (Il-Kumitat għal Titoli uniformi Numru tal-Proċeduri ta' Identifikazzjoni assenjat mis-CUSIP Bureau tas-Servizzi għall-kumpaniji tal-Istati Uniti u tal-Kanada) 3 - SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra) 4 - WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru tal-identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż) 5 - Bloomberg Ticker (Kodiċi tal-ittri Bloomberg li jidentifikaw it-titoli tal-kumpanija) 6 - BBGID (L-ID Globali ta' Bloomberg) 7 - Reuters RIC (Kodiċi tal-istrument ta' Reuters) 8 - FIGI (Identifikatur Globali tal-Istrument Finanzjarju) 9 - Kodiċi ieħor mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal- Aġenziji tan-Numerazzjoni Nazzjonali 99 - Kodiċi attribwit Meta l-istess kodiċi tal-ID tal-Assi jkun jeħtieġ li jiġi rraportat għal assi wieħed li jinħareġ f'żewġ muniti differenti jew aktar, jeħtieġ li jiġi speċifikat il-kodiċi tal-ID tal-Assi u l-kodiċi alfabetiku ISO L 4217 tal-munita, bħal fl-eżempju li ġej: "kodiċi +EUR". F'dan il-każ, it-Tip ta' Kodiċi tal-ID tal-Assi għandu jirreferi għall-għażla 99 u l-għażla tal-kodiċi tal-ID tal-Assi oriġinali, bħal fl-eżempju li ġej li għalih il-kodiċi rrapportat kien il-kodiċi ISIN +il-munita: "99/1".
C0130	Titolu tal-entrata	L-isem tal-assi (jew l-indirizz f'każ ta' proprjetà).

	Isem l-emittent	L-isem tal-emittent, iddefinit bħala l-entità li toħroġ l-assi lill-investituri. Meta tkun disponibbli, din l-entrata tikkorrispondi għall-isem tal-entità fil-bażi tad-*data* tal-LEI. Meta dan ma jkunx disponibbli, jikkorrispondi għall-isem legali. Fir-rigward ta' fondi ta' investiment/ishma f'fondi ta' investiment, l-isem tal-emittent huwa l-isem tal-maniġer tal-fond.
C0150	Kodiċi tal-emittent u Tip tal-kodiċi tal-emittent	Din l-informazzjoni tikkombina *data* dwar il-Kodiċi tal-Emittent (il-kolonna C0150 mid-deċiżjoni BoS) u t-Tip ta' kodiċi tal-emittent (kolonna C0160 mid-deċiżjoni BoS). Il-kodiċi tal-emittent qed juża l-LEI. Jekk il-kodiċi tal-LEI ma jkunx disponibbli, din l-entrata ma għandhiex tiġi rrapportata. Fir-rigward ta' fond/ishma ta' investiment f'fondi ta' investiment, il-kodiċi tal-emittent huwa l-kodiċi tal-maniġer tal-fond. Identifikazzjoni tat-tip ta' kodiċi użat għall-entrata "Kodiċi tal-Emittent". Għandha tintuża waħda mill-opzjonijiet f'din il-lista magħluqa li ġejja: 1 - LEI 9 - Xejn Din l-entrata ma tapplikax għall-kategorija 8 tas-CIC - Ipoteki u self, fir-rigward ta' ipoteki u self lil persuni fiżiċi. Din l-entrata mhijiex applikabbli għal CIC 71, CIC 75 u kategorija 9 tas-CIC - Proprjetà.
C0170	Settur tal-Emittent	Is-settur ekonomiku tal-emittent ibbażat fuq l-aħħar verżjoni tal-kodiċi NACE (kif ippubblikat fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])). Ir-referenza tal-ittra tal-kodiċi NACE li tidentifika t-Taqsima għandha tintuża bħala minimu għall-identifikazzjoni tas-setturi (eż "A" jew "A0111" ikunu aċċettabbli) ħlief għan-NACE relatata ma' attivitajiet finanzjarji u tal-Assigurazzjoni, li għaliha għandha tintuża l-ittra li tidentifika t-Taqsima segwita mill-kodiċi b'erba' ċifri għall-klassi (eż... "K6411"). Fir-rigward tal-fondi ta' investiment, is-settur tal-emittent huwa s-settur tal-maniġer tal-fond.
C0180	Grupp tal-Emittent	L-isem tal-entità prinċipali aħħarija tal-emittent. Għall-fondi ta' investiment, ir-relazzjoni tal-grupp hija relatata mal-maniġer tal-fond. Meta tkun disponibbli, din l-entrata tikkorrispondi għall-isem tal-entità fil-bażi tad-data tal-LEI. Meta ma tkunx disponibbli, din tikkorrispondi għall-isem legali.
C0190	Kodiċi tal-Grupp tal-Emittent u Tip tal-kodiċi tal-grupp tal-emittent	Din l-informazzjoni tikkombina *data* dwar il-Kodiċi tal-Grupp tal-Emittent (il-kolonna C0190 mid-deċiżjoni BoS) u t-Tip ta' kodiċi tal-grupp tal-emittent (kolonna C0200 mid-deċiżjoni BoS). Identifikazzjoni tal-grupp tal-emittent permezz tal-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI). Jekk il-kodiċi tal-LEI ma jkunx disponibbli, din l-entrata ma għandhiex tiġi rrapportata. Fir-rigward tal-fondi ta' investiment, ir-relazzjoni tal-grupp hija relatata mal-maniġer tal-fond. Kodiċi użat għall-entrata tal-"Kodiċi tal-Grupp" tal-Emittent: 1 - LEI
		9 - Xejn

C0210	Pajjiż Emittent	Il-kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-pajjiż tal-lokalizzazzjoni tal-emittent. Il-lokalizzazzjoni tal-emittent hija vvalutata mill-indirizz tal-entità li toħroġ l-assi. Fir-rigward tal-fondi ta' investiment, ir-relazzjoni tal-grupp hija relatata mal-maniġer tal-fond. — Il-kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 — XA: Emittenti sovranazzjonali — EU: Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
C0220	Munita	ISO 4217 Kodiċi alfabetiku tal-munita tal-ħruġ.
C0230	CIC	Kodiċi ta' identifikazzjoni komplementari użat għall-klassifikazzjoni tal-assi.
C0240	Investiment alternattiv	Strument finanzjarju, kif elenkat fit-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE, maħruġ minn persuna ġuridika awtorizzata skont id-Direttiva 2011/61/UE [2] għall-ġestjoni ta' fondi ta' investiment alternattivi: 1 - Investiment alternattiv 2 - L-ebda investiment alternattiv
C0250	Klassifikazzjoni esterna	Klassifikazzjoni tal-assi fid-data ta' referenza tar-rapportar kif mogħtija mill-istituzzjoni ta' valutazzjoni tal-kreditu nominata (ECAI).
C0270	Durata	Id-durata ta' assi, iddefinita bħala d-"durata modifikata residwa" (id-durata modifikata kkalkulata abbażi taż-żmien li jifdal għall-maturità tat-titolu, magħdud mid-data ta' referenza tar-rapportar). Għal assi mingħajr maturità fissa għandha tintuża l-ewwel data tas-sejħa. Id-durata għandha tiġi kkalkulata abbażi tal-valur ekonomiku.
C0280	Data tal-maturità	Kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data tal-maturità. Għal titoli perpetwi "9999-12-31"
C0370	Prezz ta' unità	Prezz tas-suq għal kull unità.
C0380	Il-perċentwal ta' unità tal-prezz tal-ammont ugwali	Perċentwali tal-ammont nominali aggregat.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010, (*ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).*

PP.06.03 - Impriżi ta' investiment kollettiv - approċċ look-through

Kummenti Ġenerali:

Din it-taqsima hija relatata mas-sottomissjoni annwali tal-informazzjoni għall-PEPPs b'aktar diviżjoni minn PEPP Bażiku u opzjonijiet alternattivi ta' investiment. Fil-każ li l-opzjonijiet alternattivi ta' investiment isiru, individwalment jew flimkien, sinifikanti fir-rigward tat-tfaddil fil-PEPP Bażiku, l-informazzjoni għandha tiġi rrapportata f'livell aktar granulari jew fil-livell ta' kull opzjoni ta' investiment.

Dan il-mudell jinkludi informazzjoni dwar il-look-through ta' impriżi ta' investiment kollettiv jew investimenti ppakkeġġati bħala fondi, inkluż meta jkunu parteċipazzjonijiet, skont il-kategorija tal-assi sottostanti, il-pajjiż tal-ħruġ u l-munita. Meta jitqiesu l-proporzjonalità u l-istruzzjonijiet speċifiċi tal-mudell, il-look-through għandu jitwettaq sakemm jiġu identifikati l-kategoriji tal-assi, il-pajjiżi u l-muniti. F'każ ta' fondi ta' fondi, il-look-through għandu jsegwi l-istess approċċ.

Il-mudell għandu jinkludi informazzjoni li tikkorrispondi għal 100 % tal-valur investit f'impriżi ta' investiment kollettiv. Madankollu, għall-identifikazzjoni tal-pajjiżi, il-look-through għandu jiġi implimentat sabiex jiġu identifikati l-iskoperturi ta' 80 % tal-valur totali tal-fondi mingħajr l-ammonti relatati mas-CIC 8 u CIC 9, u għall-identifikazzjoni tal-muniti il-look-through għandu jiġi implimentat sabiex jiġu identifikati l-iskoperturi ta' 80 % tal-valur totali tal-fondi. Il-forniturі tal-PEPP għandhom jiżguraw li l-20 % mhux identifikat skont il-pajjiż ikun diversifikat fiż-żoni ġeografiċi, pereżempju li mhux aktar minn 5 % ikun f'pajjiż wieħed. Il-look-through għandu jiġi applikat mill-forniturі tal-PEPP billi jibew mill-akbar fond uniku, filwaqt li jqisu l-ammont investit, sal-iżgħar wieħed u l-approċċ għandu jinżamm konsistenti matul iż-żmien.

L-entrati għandhom jiġu rrapportati b'valuri pożittivi sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-istruzzjonijiet rispettivi.

Il-valuri kollha għandhom jiġu rrapportati skont il-qafas prudenzjali li taħtu taqa' l-entità.

Il-kategoriji ta' assi msemmija f'dan il-mudell huma dawk iddefiniti fl-Anness IV - id-Definizzjonijiet tat-Tabella CIC u r-referenzi għall-kodiċijiet CIC jirreferu għat-tabella CIC tal-Anness III.

ORDINAT TAT-TABELLA	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010	Impriżi ta' investimenti kollettivi Kodiċi tal-ID	Kodiċi tal-ID tal-Assi bl-użu tal-prijorità li ġejja: — Kodiċi ISO 6166 tal-ISIN meta disponibbli — Kodiċijiet rikonoxxuti oħra (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — Kodiċi attribwit mill-impriża, meta l-opzjonijiet ta' hawn fuq ma jkunux disponibbli, u jridu jkunu konsistenti maż-żmien
C0020	Impriża ta' investimenti kollettivi Tip ta' kodiċi tal-ID tal-impriża	Tip tal-Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi tal-ID tal-Assi": Għandha tintuża waħda mill-opzjonijiet f'din il-lista magħluqa li ġejja: 1 - ISO/6166 għall-ISIN 2 - CUSIP (il-Kumitat għall-Identifikazzjoni Uniformi tat-Titoli Numru tal-proċeduri assenjat mill-Bureau tas-Servizz CUSIP għall-kumpaniji tal-Istati Uniti u tal-Kanada) 3 - SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra) 4 - WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru alfanumeriku ta' identifikazzjoni tal-Ġermanja) 5 - Bloomberg Ticker (Kodiċi tal-ittri Bloomberg li jidentifikaw it-titoli ta' kumpanija) 6 - BBGID (L-ID Globali ta' Bloomberg) 7 - Reuters RIC (Kodiċi tal-istrumenti ta' Reuters) 8 - FIGI (Identifikatur Globali tal-Istrumenti Finanzjarji) 9 - Kodiċi ieħor mill-membri tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali Aġenziji tan-Numerazzjoni 99 - Kodiċi attribwit mill-impriża
C0030	Kategorija ta' assi sottostanti	Identifika l-kategoriji tal-assi, l-ammonti riċevibbli u d-derivattivi fl-impriża tal-investiment kollettiv. Għandha tintuża waħda mill-opzjonijiet f'din il-lista magħluqa li ġejja: 1 - Bonds tal-gvern; 2 - Bonds korporattivi 3L - Ekwità elenkata 3X - Ekwità mhux elenkata

		4 - Impriżi ta' investiment kollettiv 5 - Noti strutturati 6 - Titoli kollateralizzati 7 - Flus kontanti u depożiti 8 - Ipoteki u self 9 - Proprjetà 0 - Investimenti oħra (inklużi riċevibbli) A - Futuri B - Opzjonijiet call C - Opzjonijiet put D - Swaps E - Forwards F - Derivattivi ta' kreditu L - Obbligazzjonijiet "Kategorija "4 - Impriżi ta' investiment kollettiv" għandha tintuża biss għall-valuri residwi mhux materjali kemm għall-"fondi ta' fondi" kif ukoll għal kwalunkwe fond ieħor.
C0040	Pajjiż tal-ħruġ	Tqassim ta' kull kategorija tal-assi identifikati f'C0030 skont il-pajjiż emittent. Identifika l-pajjiż tal-lokalizzazzjoni tal-emittent. Il-lokalizzazzjoni tal-emittent hija vvalutata mill-indirizz tal-entità li toħroġ l-assi.
		Għandha tintuża waħda mill-opzjonijiet: — Il-kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 — XA: Emittenti sovranazzjonali — EU: Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea — AA: il-pajjiżi aggregati minħabba l-applikazzjoni tal-livell limitu Din l-entrata mhijiex applikabbli għall-Kategoriji 8 u 9 kif irrapportati f'C0030.
C0050	Munita	Identifika jekk il-munita tal-kategorija tal-assi hijiex il-munita tar-rapportar jew munita barranija. Il-muniti l-oħra kollha li mhumiex il-munita tar-rapportar huma indikati bħala muniti barranin. Għandha tintuża waħda mill-opzjonijiet f'din il-lista magħluqa li ġejja: 1 - Munita tar-rappurtar 2 - Munita barranija 3 - Muniti aggregati minħabba l-applikazzjoni tal-livell limitu
C0060	Ammont totali	L-ammont totali investit skont il-kategorija tal-assi, il-pajjiż u l-munita permezz ta' impriżi ta' investiment kollettiv. Għall-obbligazzjonijiet, għandu jiġi rrappurtat ammont pożittiv, sakemm l-entrata ma tkunx obbligazzjoni derivattiva. Għal derivattivi, l-ammont totali jista' jkun pożittiv (jekk assi) jew negattiv (jekk obbligazzjoni).

PP.08.03. Informazzjoni aggregata dwar id-derivattivi Kummenti ġenerali:

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsima għandha x'taqsam mas-sottomissjoni annwali tal-informazzjoni għall-PEPP b'aktar diviżjoni skont il-PEPP bażiku u l-opzjonijiet alternattivi ta' investiment. Fil-każ li l-opzjonijiet alternattivi ta' investiment isiru, individwalment jew flimkien, sinifikanti fir-rigward tat-tfaddil fil-PEPP Bażiku, l-informazzjoni għandha tiġi rrapportata f'livell aktar granulari jew fil-livell ta' kull opzjoni ta' investiment.

Il-kategoriji ta' derivattivi msemmija f'dan il-mudell huma dawk iddefiniti fl-Anness IV - id-Definizzjonijiet tat-Tabella CIC u r-referenzi għall-kodiċijiet CIC jirreferu għat-tabella CIC tal-Anness III.

Id-derivattivi jitqiesu bħala assi jekk il-valur tagħhom ikun pożittiv jew żero. Dawn jitqiesu obbligazzjonijiet jekk il-valur tagħhom ikun negattiv. Għandhom jiġu inklużi kemm id-derivattivi li jitqiesu bħala assi kif ukoll dawk li jitqiesu bħala obbligazzjonijiet.

L-informazzjoni għandha tinkludi l-kuntratti tad-derivattivi kollha li kienu jeżistu matul il-perjodu ta' rapportar u li ma ngħalqux qabel id-data ta' referenza tar-rapportar.

Jekk ikun hemm tranżazzjonijiet frekwenti fuq l-istess derivattiv, li jirriżultaw f'pożizzjonijiet miftuħa multipli, id-derivattiv jista' jiġi rrapportat fuq bażi aggregata jew netta, sakemm il-karatteristiċi rilevanti kollha jkunu komuni u jsegwu l-istruzzjoni speċifika għal kull entrata rilevanti.

L-entrati għandhom jiġu rrapportati b'valuri pożittivi sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-istruzzjonijiet rispettivi.

Derivattiv huwa strument finanzjarju jew kuntratt ieħor li għandu l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) il-valur tiegħu jinbidel b'reazzjoni għall-bidla f'rata tal-imgħax speċifikata, prezz ta' strument finanzjarju, prezz ta' komodità, rata tal-kambju, indiċi ta' prezzijiet jew rati, klassifikazzjoni tal-kreditu jew indiċi tal-kreditu jew varjabbli ieħor, sakemm, fil-każ ta' varjabbli mhux finanzjarju, dak il-varjabbli ma jkunx speċifiku għal parti fil-kuntratt (xi drabi msejħa s-"sottostanti");

(b) ma jinħtieġx investiment inizjali nett jew investiment inizjali nett li hu inqas minn dak li jkun meħtieġ għal tipi oħra ta' kuntratti li jkun mistenni li jkollhom rispons simili għal bidliet fil-fatturi tas-suq;

(c) jiġi saldat f'data futura.

Il-valuri kollha għandhom jiġu rrapportati skont il-qafas prudenzjali li taħtu taqa' l-entità.

Informazzjoni dwar pożizzjonijiet miżmuma

ORDINAT TAT-TABELLA	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010/R0010	Swaps tar-rati tal-imgħax (D1) għal ammont nozzjonali ta' PEPP Bażiku	L-ammont kopert jew espost għas-swap tar-rata tal-imgħax (D1) għall-PEPP Bażiku. Għal swaps, dan jikkorrispondi għall-ammont tal-kuntratt irrapportat f'dik il-linja. Meta l-valur tal-iskattar jikkorrispondi għal firxa, għandu jintuża l-valur medju tal-firxa. L-ammont nozzjonali jirreferi għall-ammont li qed jiġi ħħeġġjat/investit (meta ma jkunx ikopri riskji). Jekk iseħħu bosta tranżazzjonijiet, dan għandu jkun l-ammont nett fid-data tar-rapportar.
C0020/R0010	Swaps tar-rati tal-imgħax (D1) għall-Valur tas-suq tal-PEPP Bażiku	Valur monetarju tal-Iswap tar-rata tal-imgħax (D1) mid-data tar-rapportar għall-PEPP Bażiku. Jista' jkun pożittiv, negattiv jew żero.

C0030/R0010	Swaps tar-rati tal-imgħax (D1) għal ammont nozzjonali ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment	L-ammont kopert jew espost għas-swap tar-rata tal-imgħax (D1) għal kwalunkwe opzjoni alternattiva ta' investiment. Għal swaps, dan jikkorrispondi għall-ammont tal-kuntratt irrapportat f'dik il-linja. Meta l-valur tal-iskattar jikkorrispondi għal firxa, għandu jintuża l-valur medju tal-firxa. L-ammont nozzjonali jirreferi għall-ammont li qed jiġi ħħeġġjat/investit (meta ma jkunx ikopri riskji). Jekk iseħħu bosta tranżazzjonijiet, dan għandu jkun l-ammont nett fid-data tar-rapportar.
C0040/R0010	Swaps tar-rati tal-imgħax (D1) għall-valur tas-suq ta' opzjonijiet alternattivi ta' investiment	Valur monetarju tal-iswap tar-rata tal-imgħax (D1) mid-data tar-rapportar għall-għażla ta' investiment alternattiva. Jista' jkun pożittiv, negattiv jew żero.
